V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fit-30 ta' Ġunju 2014 – Confederazione Generale Italiana del Lavoro (CGIL), Istituto Nazionale Confederale Assistenza (INCA) vs Presidenza del Consiglio dei Ministri, Ministero dell'Interno, Ministero dell'Economia e delle Finanze**

**(Kawża C-309/14)**

(2014/C 339/02)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Confederazione Generale Italiana del Lavoro (CGIL),

Istituto Nazionale Confederale Assistenza (INCA)

*Konvenuti:* Presidenza del Consiglio dei Ministri,

Ministero dell'Interno,

Ministero dell'Economia e delle Finanze

**Domanda preliminari**

Il-prinċipji stabbiliti mid-Direttiva 2003/109/KE ([1]) kif emendata u kkompletata suċċessivament, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik stabbilita bl-Artikolu 5(2b) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 286, tal-25 ta' Lulju 1998, li tipprovdi li "[i]t-talba ta' ħruġ u ta' tiġdid ta' permess ta' residenza għandu jkun suġġett għall-ħlas ta' kontribuzzjoni, li l-ammont tagħha għandu jkun stabbilit bejn minimu ta' EUR 80 u massimu ta' EUR 200 b'digriet tal-Ministru tal-Ekonomija u tal-Finanzi, b'konsultazzjoni mal-Ministru tal-Intern, li jistabbilixx barra minn hekk il-modalitajiet ta' ħlas [...]", fejn b'tali mod jiġi stabbilit ammont minimu tal-kontribuzzjoni ta' madwar tmien darbiet tal-ispiża għall-ħruġ ta' karta tal-identità nazzjonali?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Krajowa Izba Odwoławcza (il-Polonja) fis-7 ta' Lulju 2014 – PARTNER Apelski Dariusz vs Zarząd Oczyszczania Miasta**

**(Kawża C-324/14)**

(2014/C 339/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Krajowa Izba Odwoławcza.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* PARTNER Apelski Dariusz

*Konvenut:* Zarząd Oczyszczania Miasta

**Domandi preliminari**

1) Id-dispożizzjonijiet konġunti tal-Artikoli 48(3) u 2 tad-Direttiva 2004/18/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] ([1]) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2004/18/KE") jistgħu jiġu interpretati fis-sens li l-frażi "fejn xieraq", li ssemmi sitwazzjoni li fiha operatur ekonomiku jista' jikseb il-ħiliet ta' entitajiet oħrajn, tinkludi kull sitwazzjoni li fiha operatur ekonomiku ma jiddisponix mill-ħiliet mitluba mill-awtorità aġġudikanti u jkun bi ħsiebu jinvoka l-ħiliet korrispondenti ta' entitajiet oħrajn? L-indikazzjoni li operatur ekonomiku jista' jinvoka l-ħiliet ta' entitajiet oħrajn biss "fejn xieraq" hija restrizzjoni li biha operatur jista' jinvoka dawn il-ħiliet eċċezzjonalment biss u mhux bħala regola ta' għażla ta' operatur ekonomiku fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku?

2) Id-dispożizzjonijiet konġunti tal-Artikoli 48(3) u 2 tad-Direttiva 2004/18/KE jistgħu jiġu interpretati fis-sens li l-fatt, għal operatur ekonomiku, li jinvoka l-ħiliet relattivi għall-konoxxenzi u għall-esperjenza ta' entitajiet oħrajn "bla rigward għan-natura legali tar-rabtiet li hu jkollu magħhom" u li "jkollu għad-disposizzjoni tiegħu r-riżorsi" ta' dawn l-entitajiet jimplika li, fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt, l-operatur ma jkunx marbut li jkollu rabtiet ma' dawn l-entitajiet jew jista' jkollu rabtiet informali u mhux iddefiniti, b'tali mod li l-imsemmi operatur ikun jista' jeżegwixxi kuntratt wieħed biss (mingħajr il-parteċipazzjoni ta' entità oħra), jew inkella din il-parteċipazzjoni tkun tista' tieħu l-forma ta' "parir", ta' "konsultazzjonijiet", ta' "taħriġ", eċċ? jew, allura, l-Artikolu 48(3) għandu jiġi interpretat fis-sens li entità li tagħha operatur jinvoka l-ħiliet hija marbuta li teżegwixxi realment u personalment kuntratt sa fejn il-ħiliet tagħha jkunu ġew iddikjarati?

3) Id-dispożizzjonijiet konġunti tal-Artikoli 48(3) u 2 tad-Direttiva 2004/18/KE jistgħu jiġu interpretati fis-sens li operatur ekonomiku li jiddisponi minn esperjenza tiegħu nnifsu, imma f'livell inqas minn dak li jkun irid jindika lill-awtorità kontraenti (pereżempju, insuffiċjenti biex jissottometti offerta fuq il-partijiet kollha ta' kuntratt), jista' jinvoka wkoll il-ħiliet ta' entitajiet oħra sabiex isaħħaħ s-sitwazzjoni tiegħu fil-proċedura?

4) Id-dispożizzjonijiet konġunti tal-Artikoli 48(3) u 2 tad-Direttiva 2004/18/KE jistgħu jiġu interpretati fis-sens li, f'avviż ta' kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet, l-awtorità kontraenti tista' (jew għandha) tindika r-regoli li meta jsegwihom operatur ekonomiku ikun jista' jinvoka l-ħiliet ta' entitajiet oħrajn, pereżempju l-modalitajiet ta' parteċipazzjoni ta' entità oħra fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt jew ta' assoċjazzjoni tal-ħiliet ta' operatur ekonomiku u ta' entità oħra jew ukoll jekk entità oħra jkollha tinżamm solidalment responsabbli mal-operatur ekonomiku għat-twettiq konformi tal-kuntratt sa fejn operatur ekonomiku jkun invoka l-ħiliet ta' din l-entità?

5) Bis-saħħa tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni tal-operaturi ekonomiċi li jidhru fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE, wieħed jista' jinvoka l-ħiliet ta' entità oħra, kif indikati fl-Artikolu 48(3), b'tali mod li jżid il-ħiliet ta' żewġ jew iktar entitajiet li, kieku ma jkunx hekk, ma jkollhomx il-ħiliet li jirrigwardaw il-konoxxenzi u l-esperjenza li tkun qed teżiġi l-awtorità kontraenti?

6) Konsegwentement, bis-saħħa tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni tal-operaturi ekonomiċi li jidhru fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE, l-Artikoli 44 u 48(3) tad-Direttiva 2004/18/KE jistgħu jiġu interpretati fis-sens li l-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni fi proċedura, li timponi awtorità kontraenti, jistgħu jiġu ssodisfatti biss formalment, għall-finijiet tal-parteċipazzjoni fi proċedura, u indipendentement mill-ħiliet reali ta' operatur ekonomiku?

7) Bis-saħħa tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni tal-operaturi ekonomiċi li jidhru fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE, jekk l-awtorità kontraenti tammetti s-sottomissjoni ta' offerti dwar il-partijiet ta' kuntratt, jista' operatur ekonomiku, wara li jressaq offerta, pereżempju biex jikkompleta jew jikkjarifika xi dokumenti, jiddikjara għal liema partijiet ta' kuntratt għandhom jiġu attribwiti l-mezzi li jkun invoka u b'hekk juri li jissodisfa l-kundizzjoni ta' parteċipazzjoni fil-proċedura?

8) Il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni tal-operaturi ekonomiċi li jidhru fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE, u ta' trasparenza, jawtorizzawhom jannullaw appalt u jirrepetu appalt elettroniku jekk dan ikun ivvizzjat b'irregolarità rilevanti, pereżempju jekk l-operaturi ekonomiċi kollha li jkunu ppreżentaw offerta ammissibbli ma jkunux ġew mistiedna jagħmlu hekk?

9) Il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni tal-operaturi ekonomiċi li jidhru fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE, u ta' trasparenza, jawtorizzawhom jagħtu kuntratt lil operatur ekonomiku li l-offerta tiegħu tkun intagħżlet fil-ftuħ ta' tali appalt mingħajr repetizzjoni tiegħu, filwaqt li ma jkunx jista' jiġi kkonstatat li l-parteċipazzjoni tal-operatur ekonomiku skartat kien biddel ir-riżultat tiegħu?

10) Il-kontenut tad-dispożizzjonijiet u tal-preambolu tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2014, dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, tista' tintuża, bħala kundizzjoni għall-interpretazzjoni, sabiex jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE, minkejja li t-terminu ta' traspożizzjoni tagħha għadu ma skadiex, u sa fejn hija tindika ċerti approċċi u intenti tal-leġiżlatur tal-Unjoni u li hija ma tmurx kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132;

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Obersten Gerichtshof (l-Awstrija) fis-7 ta' Lulju 2014 – Verein für Konsumenteninformation vs A1 Telekom Austria AG**

**(Kawża C-326/14)**

(2014/C 339/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Verein für Konsumenteninformation

*Konvenuta:* A1 Telekom Austria AG

### Domanda preliminari

Id-dritt previst għall-abbonati fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva dwar is-Servizz Universali (1) li jirtiraw mill-kuntratt tagħhom mingħajr penali "ma' avviż ta' modifiki għad-detriment tal-abbonat fil-kondizzjonijiet kuntrattwali" huwa previst ukoll fil-każ li jkun hemm aġġustament tat-tariffi fuq il-bażi ta' dawn il-kundizzjonijiet kuntrattwali li, fil-mument li fih kien ġie konkluż il-kuntratt, kienu diġà jipprevedu l-possibbiltà li jiġi introdott aġġustament tat-tariffi (żieda/tnaqqis) fuq il-bażi ta' bidliet f'indiċi oġġettiv dwar il-prezzijiet għall-konsumaturi li jirriflettti bidliet fil-valur tal-flus?

(1) Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur (ĠU L 337, p. 11).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Session, Scotland (ir-Renju Unit) fit-8 ta' Lulju 2014 – The Scotch Whisky Association *et* vs The Lord Advocate u The Advocate General for Scotland**

**(Kawża C-334/14)**

(2014/C 339/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Qorti tar-rinviju

Court of Session, Scotland

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* The Scotch Whisky Association *et*

*Konvenuti:* The Lord Advocate u The Advocate General for Scotland